Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 231/11AE

**Charles Grech & Co. Limited (C2473)**

**Vs**

**Mark Aquilina f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Cocktail Limited (C35704)**

**L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016**

Il-konvenuti appellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Gunju 2013 li permezz taghha kkundannathom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef tlett mija u hamsa u sebghin ewro u seba' centezmi (€6,375.07)[1], bhala hlas ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija. Fis-sentenza l-qorti qalet :

***"Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi migbura, il-Qorti jidhrilha li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mis-socjeta' attrici ghandha aktar mis-sewwa u hija aktar vero simili fic-cirkostanzi u a bazi tal-invoices esebiti minnha, il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti in solidum huma debituri tas-socjeta' fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur taghha u cioe' fl-ammont ta' sitt elef, tlett mija u hamsa u sebghin Ewro u sebgha ewro centezmi (EUR 6,375.07) u ghalhekk tordna lill-konvenuti sabiex in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici din l-istess somma.***

***Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti in solidum u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur."***

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Aggravji.</u>**

L-appellanti jilmenta li (fol 2):

*"Illi, b'mod aktar specifiku, l-appellant huwa tal-umli fehma illi l-Ewwel Qorti arrekat pregudizzju gravi lid-drittijiet tieghu meta marret kontra certu kanoni ta' dritt u ta' procedura li huma ben stabbiliti fis-sistema legali taghna, u meta*

[1] Ma sarx appell mis-sentenza tas-26 ta' Settembru 2011, fejn il-qorti iddikjarat l-konvenuti huma l-legittimi kontradditturi.

*ghamlet apprezzament ippregudika serjament l-andament tal-kawza u l-interessi tal-istess appellant;"*

Illi l-aggravji principali mressqa huma s-segwenti:-

1. Ghalkemm l-ewwel qorti qalet li kien hemm kunflitt ta' provi, l-appellanti jsostnu li dan ma jirrizultax. Spjegat li l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet dwar jekk il-konsenji li taghhom qieghed jintalab il-hlas, sarux jew le. L-appellanti riedu li tinghata prova mis-socjeta attrici li effettivament il-konsenji saru lis-socjeta appellanti. Peress li s-socjeta appellata qatt ma tat tali prova, il-fatturi oggett tal-kawza baqghu pendenti. Ghalhekk il-kwistjoni li dwarha kellha tiddeciedi l-qorti ma kinitx fuq kunflitt ta' provi izda l-oneru tal-appellata li tipprova li saret il-konsenja tal-merkanzija li taghha qeghda titlob il-hlas. Din dejjem kienet il-posizzjoni tal-appellanti.
2. L-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta appellata. Gialadarba ma tatx prova li l-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta appellanti, l-azzjoni kellha tfalli.

Is-socjeta' appellata wiegbet (fol 11):

*"Illi ghalkemm l-appellant jindika li huwa ghandu zewg aggravji fir-rigward tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-fatt dawn iz-zewg aggravji ma huma xejn aktar minn aggaravju wiehed imsejjes fuq allegazzjoni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti mill-kontendenti."*

Hu fatt maghruf li fejn si tratta minn decizjoni ta' qorti dwar apprezzament ta' fatti, hu biss f'kazijiet eccezzjonali li din il-qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti. Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li, '*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Permezz tat-tieni eccezzjoni l-appellanti qalu li s-socjeta appellata kellha:

*"….tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsnji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)"* (fol. 19).

Fil-fehma tal-qorti, ferm rilevanti ghal ezitu ta' din il-kawza kien dak li xehed il-konvenut Mark Aquilina fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012 (fol. 37), fejn qal:

- Li hu direttur tas-socjeta appellanti;
- Is-socjeta appellanti kienet tixtri x-xorb minghand is-socjeta appellata;
- *"Naf li s-socjeta Cocktail Limited ghandha taghti xi flus lil Charles Grech"*;

- *"Nixtieq nghid li minkejja li x-xoghol ghaddej tajjeb u ahna ma ghandna l-ebda intenzjoni li ma nhallsux fil-fatt dak li hu dovut"*.

Sahansitra Veronica Cefai, li qalet li tahdem bhala accounts clerk ma' Rainbow Mix Limited, xehedet li kienet tiehu hsieb l-accounts tal-kumpannija appellanti Qalet: *"Huwa minnu li s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici. Mistoqsi emm hu dan l-ammont nghid li ma nafx"*.

Ghalhekk l-ewwel qorti kellha ammissjoni mill-konvenut u minn Veronica Cefai li s-socjeta appellanti hi debitrici tas-socjeta appellata. Pero' hadd minnhom ma qal x'kien l-ammont dovut.

Il-qorti hi tal-fehma li in vista tat-tieni eccezzjoni tal-appellata kien ikun floku li s-socjeta appellata tressaq bhala xhud lill-persuna li ghamlet id-delivery tal-merkanzija fl-istabbiliment The Edge. Pero':-

i. Meta Mark Aquilina xehed l-ewwel darba (seduta tad-9 ta' Mejju 2012), ammetta li kien ghadu dovut hlas lis-socjeta appellata ghalkemm ma semmiex cifri. Meta mbaghad xehed b'affidavit, bidel il-verzjoni fis-sens li qal li kien fl-2009 *"…. Skoprejt li kien hemm numru ta' fatturi, li kienu jirreferu ghall-perjodu ta' wara t-18 ta' Frar 2008, li ma kienux jixhdu l-firem ta' persuni li, fiz-zmien tal-istess fatturi, kienu mpjegati ta' Cocktail. Jiena kont tkellimt dwar dan ma' Charles Grech, u tlabthom sabiex jivverifikaw illi l-konsenji in kwistjoni kienu effettivament saru gewwa l-club The Edge, u mhux f'xi post iehor"*. Kompla jghid: *"Nerga' ntenni li Cocktail Limited m'ghandha l-ebda diffikulta li thallas kwalsiasi fatturi li ghadhom pendenti, gialadarba tigi murija minn Charles Grech li tali fatturi jirraprezentaw konsenji li saru gewwa l-club The Edge"*. Ma jirrizultax li apparti l-ammont pretiz mis-socjeta attrici, hemm xi ammont iehor dovut mill-konvenut. Ghalhekk il-verzjoni li Mark Aquilina ta fl-affidavit (fol. 113-114) ma tistax titwemmen meta kien hu stess li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012 xehed: *"Naf li s-socjeta Cocktail Limited ghandha taghti xi flus lil Charles Grech"*.
ii. Veronica Cefai stess, li l-qorti fehemet li hi mpjegata ta' wahda mill-kumpanniji fejn Mark Aquilina hu direttur, ikkonfermat li s-socjeta appellata hi debitrici tal-attrici. Il-qorti taqbel mal-ewwel qorti meta osservat: *"Hawnhekk il-qorti wkoll issibha difficli temmen kif allura tali xhud tghid li verament il-konvenuti huma debituri pero' fl-istess nifs tghid li ma tafx ghal liema ammont"*.
iii. Stuart Farrugia, financial controller tas-socjeta appellata, xehed: *"Nixtieq nghid u nzidha max-xhieda tieghi li l-konvenuti qatt ma kkontestaw li l-ammont mitlub minnha huwa dovut…"* (fol. 89).
iv. Fl-affidavit Mark Aquilina qal li l-firem li hemm fuq l-invoices oggett tal-kawza, *"…ma kienux jixhdu l-firem ta' persuni li, fiz-zmien tal-istess fatturi, kienu mpjegati ta' Cocktail"*. Dan minghajr ma qal min kienu l-impjegati li jahdmu fl-istabbiliment The Edge fil-perjodu li ghaliha jirreferu l-kontijiet

meritu tal-kawza. Taghrif li ovvjament kellu jinghata mill-appellanti. L-invoices li dwarhom qieghed jintalab il-hlas, huma kollha ffirmati. Sfortunatament il-persuna li ghamlet id-delivery, kif jigri hafna drabi, ma tiktibx in ***block letters*** l-isem u kunjom tal-persuna li tiffirma. Pero' jibqa' 'l fatt li Mark Aquilina, meta xehed l-ewwel darba ammaetta li kien ghad hemm hlas dovut lis-socjeta attrici.

v. L-appellanti lanqas ma taw prova tal-ordnijiet li ghamlu mas-socjeta appellata, fil-perjodu li ghalih jirreferu l-invoices (22 ta' Mejju 2008 sal-24 ta' Lulju 2008).

vi. Ralph Leone Ganado, sales representative tas-socjeta attrici, xehed: *"Jiena bqajt immur fl-istabbiliment tieghu xi darbtejn fil-gimgha, bil-ghan li nigbor il-flus li huma dovuti lis-socjeta Charles Grech, pero' ma kienx ikolli success. Nghid li diversi drabi ma kienx ikun hemmhekk, nghid li in segwitu kont niltaqa' ma' xi manager tieghu, bl-isem ta' Alberto. Kien Taljan, nghid li fil-bidu kien jaghtini wkoll xi pagamenti akkont, xi two hundred ewro u dan wara li jottjeni l-permess minghand Mark. U ergajna bdejna mixjin fis-sens li jirriduci l-bilanc. Pero' f'daqqa wahda Alberto qalli li ma setax ihallas aktar ghax il-finanzi kienu f'idejn Mark Aquilina"* (fol. 50). Meta tikkunsidra din id-deposizzjoni flimkien mal-ammissjoni ta' Mark Aquilina u Veroncia Cefai, ghall-qorti m'hemmx dubju li fuq bazi ta' probabilita' l-merkanzija giet konsenjata izda baqghet ma thallsitx.

vii. Hu logiku li qabel issir il-konsenja, tkun saret l-ordni. Jidher li fil-kaz tas-socjeta appellanti Ralph Ganado kien is-sales representative li jiehu hsieb l-ordnijiet. Tant hu hekk li ismu jidher fuq kull wiehed mill-invoices. Fuq bazi ta' probabilta' l-invoices hargu ghaliex saret ordni min-naha tas-socjeta appellanti. Ir-raguni tghidlek li kieku ma saritx il-konsenja, xi mpjegat tas-socjeta appellanti kien ser jikkomunika ma' Ralph Ganado u jinfurmah li l-konsenja baqghet ma saritx. Pero' mill-provi ma rrizultax li matul il-perjodu in kwistjoni sar x'ilment mis-socjeta appellanti li l-ordni ma gietx konsenjata.

Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li a bazi tal-provi li tressqu mill-partijiet l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk m'hemmx raguni valida ghalfejn din il-qorti ghandha tiskarta l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tal-appellanti bl-ispejjez kontra taghhom**.

Anthony Ellul.